# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ġimgħa, 10 ta' Ġunju 2022**

**Talba Nru: 290/19 JG**
**Numru fuq il-lista: 3**

**ACT Advisory Services Limited (C65093)**

**Vs**

**Anabelle Debattista (K.I. 176892(M))**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fis-7 ta' Ottubru 2019[1], permezz ta' liema s-soċjetá attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut tħallas lill-istess is-somma ta' tlett elef, sitt mija u sitta u tletin Ewro (€3636) rappreżentanti danni kif aħjar deskritt fl-istess Avviż. Intalbu wkoll l-ispejjeż tal-proċeduri, dawk ta' mandat ta' sekwestru u l-imgħax;

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra r-risposta tal-konvenuta[2] permezz ta' liema hija laqgħet għall-pretiża attriċi b'eċċezzjoni waħda fejn saħqet li hija għamlet l-għalmu tagħha u li x-xogħol li ngħatala ma kienx jispetta lilha.

Ra x-xhieda ta' Stephen Balzan[3] u ta' Liana Falzon[4] flimkien mad-dokuemnt eżebiti.

Ra d-digriet mogħti mill-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presjedut[5];

Sema' x-xhieda in kontro-eżami ta' Stephen Balzan[6];

Sema' x-xhieda in kontro-eżami ta' Liana Falzon[7];

Sema x-xhieda in eżami tal-konvenuta Anabelle Debattista[8] u d-dokumenti minnha ppreżentati.

Sema' x-xhieda in kontro-eżami tal-konvenuta[9];

Sema' t-trattazzjoni orali tad-difensuri tal-kontendenti, liema trattazzjoni ġiet debitatment reġistrata u traskritta[10];

---

[2] A fol 7 tal-proċess.
[3] Magħmula fis-seduta tal-20 ta' Marzu 2020.
[4] *Ibid* nru. 4.
[5] A fol 57 tal-proċess.
[6] Xhieda relattiva seħħet fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021.
[7] Xhieda relattiva seħħet fis-seduta tal-10 ta' Ġunju 2021.
[8] Xhieda relattiva seħħet fit-2 ta' Novembru 2021.
[9] Xhieda relattiva seħħet fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021.
[10] Seduta tat-18 ta' Ottubru 2021, tibda a fol 99 tal-proċess.

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi qabel ma t-Tribunal iqis l-aspetti legali ta' din il-kwistjoni, tinħass il-ħtieġa li l-istess Tribunal jirrakkolji u jispjega, anke jekk brevement, ix-xhieda miġbura f'dawn il-proċeduri. Dan qiegħed isir anke għaliex ix-xhieda ma ġietx mismugħa minn dan it-Tribunal kif issa presjedut, u għalhekk qiegħed jagħmel hekk sabiex iserraħ moħħ il-partijiet li dik ix-xhieda ġiet debitament mixtarra.

Illi in suċċint, ix-xhieda kienet din li ssewgi.

Illi f'dawn il-proċeduri xehed Stephen Balzan[11]. Jisepjga li huwa d-direttur tas-soċjetá attriċi. Il-konvenuta kienet impjegata magħhom bejn il-25 ta' Lulju 2015 u waqfet hija stess fid-29 ta' Mejju 2019. Ġie eżebit il-kuntratt relattiv. Jispjega li l-konvenuta, f'Lulju tas-sena 2018 kienet ingħatat irwol sabiex timla formoli, bl-isem BO3. Kellha tniżżel is-sidien ta' 17-il kumpannija u tniżżel xi dettalji. Dan kien xogħol rikjest mil-liġi u kull kumpannija kellha tagħmel hekk sa ċertu żmein. L-Awtoritá li riedet din l-informazzjoni kienet il-Malta Busniess Registry. Dawn kienu kumpanniji klijenti tas-soċjetá attriċi. Tkun ġiet inkarigata tagħmel dan ix-xogħol ukoll u s-soċjetá tkun tħallset minn qabel. Huwa xogħol ta' *compliance*. Il-konvenuta għamlet sebgħa minn dawn is-sbatax li kellha tagħmel. Dawk li għamlet għamlithom sew. Huma kien mingħalihom li saru kollha. Ġara li meta mar biex jirreġistra kumpannija oħra ġie informat li kien hemm xi formoli neqsin. Hemmhekk saru jafu b'kollox. Il-konvenuta qaltilhom li vera ma sarux, iżda ma sarux għax ma kinitx taf kif tagħmilhom. Infurmathom ukoll li hija ċemplet lir-reġstru (MBR) u dawn qalulha li ma hemmx multi. Il-klijenti weħlu

[11] Eżami jibda a fol 13 tal-proċess.

multi u huma ħallsuhom għax ħassew li kien dmir tagħhom. Kull kumpannija kellha tirreġistra fi żmien 42-il ġurnata. Il-multa kienet ta' mitejn Ewro (€200) jekk il-formola tiġi mdaħħla ġurnata tard u żewġ Ewro (€2) għal kull ġurnata oħra. F'dan il-ħin għamluhom huma. Ġew eżebiti l-irċevuti. F'dan iż-żmien il-konvenuta kienet bin-*notice*.

Illi in kontro-eżami[12] jispjega li s-soċjetá attriċi tipprovdi l-aktar *corporate services*. Il-konvenuta kienet tokkupa kariga ta' *receptionisit* iżda kellha obbligi wkoll ta' segretarja u affarijiet ġenerali komunament rikjesti f'uffiċju. Il-mili tal-formoli kien ukoll xogħol amministrattiv. Jaqbel illi mhux kull struttura li kienet tirrikjedi din il-formola kienet waħda faċli. Għalhekk kien ikun hemm hu biex jassisti. Hija ma nfurmat lil ħadd bil-formoli neqsin. Għalih dan kien xogħol sempliċi u ma kienx hemm lok għal xi promozzjonijiet sabiex tagħmlu. Ma kienx hemm ħtieġa ta' sħarriġ. Hi kienet taf bir-riperkussjonijiet ta' nuqqas ta' sottomissjoni għaliex hija stess kienet tkellmet mar-reġistru. Għalih huwa impossibbli li huma qalulha li m'hemmx multi. Ma kien hemm ħadd li kien jimla dawn il-formoli qabel għaliex dan kien xogħol ġdid u ta' darba. Kien hemm okkażżjoniijiet fil-formoli li għamlet fejn weħlet u hu kien ta l-għajnuna tiegħu. Reġa jgħid li dan kien xogħol sempliċi fejn id-data kienet aċċessibbli u hija kulma kellha tagħmel kien li ddaħħallhom fil-formola. Il-konvenuta kienet tat handover lis-sinjura Falzon. Jikkonferma li lilu qatt ma qaltlu li ma riditx tagħmel dan ix-xogħol. Ma jeskludix li marret għand xi superjur ieħor. Kieku ġie infurmat ma kienx sejjer jippermetti li jeħel il-multi.

Illi in ri-eżami fl-istess seduta, jikkonferma li kien hemm uħud mill-formoli fejn talbet u ngħatat għajnuna u oħrajn li għamlet waħedha. L-oħrajn mhux saru b'xi żball iżda qatt ma saru.

---

[12] Magħmul fis-seduta tat-22 ta' Frar 2021.

Illi f'dawn il-proċeduri xehdet Liana Falzon[13]. Tikkonferma li hija d-direttriċi u azzjonista fis-soċjetá attriċi. In eżami essenzjalment tikkonferma dak kollu li qal is-sur Balzan.

Illi in kontro-eżami[14], Liana Falzon kkonfermat li m'għadhiex direttriċi tas-soċjetá attriċi. Fiż-żmien in kwistjoni kienet tagħmel xogħol ta' compliance. Kienet tieħu ħsieb l-annual returns. Dwar dawn il-formoli speċifikiċi tgħid li fis-sena 2018 kien inħareġ regolament ġdi fejn minn Lulju ta' dik is-sena kien hemm il-ħtieġa li jiddaħħlu dawn il-formoli mill-kumpannijia kollha. Dak iż-żmien hija kienet ħierġa bil-maternita'. Kienet il-konvenuta li kienet qiegħda tieħu ħsieb. Hija reġgħet daħlet f'Marzu tas-sena 2019 u bdiet tieħu ħsiebhom hi. Kien hemm xi wħud li kienu saru mill-konvenut u oħrajn le. Tikkonferma li rċeviet handover mill-konvenuta. Ma ġietx infurmata bil-formoli li ma kienux daħlu. It-terminu ta' 42-il ġurnata kien laħaq għadda. Tgħid ukoll li jekk dawn jiġu sottomessi b'xi żball wieħed ma jeħilx penali. Kien hemm database tal-kumpanniji kollha. Fiha hemm imniżżel ukoll id-data ta' reiġistrazzjoni biex b'hekk il-konvenuta kienet taf meta jiskadi t-terminu. Hi saret taf b'kumbinazzjoni biss b'dan l-inċident. Kien hemm direttur ta' kumpannija partikolari li xtaq jiftaħ kumpanijja ġdida, ġie infurmat li ma setgħax għaliex kien hemm formola nieqsa. Anki hi kien hemm okkażżjonijiet fejn talbet direzzjoni mis-Sur Balzan fuq uħud mill-kumpanniji. Sa fejn taf hi, il-konvenuta kienet tikellem mas-Sur Balzan fuq xi komplikazzjonijiet.

In ri-eżami magħmul fl-istess seduta, terġa' tikkonferma dak li trid tfisser bit-terminu ta 42-il ġurnata. It-terminu tal-kumpanniji relattivi kien skada meta hija ġiet lura għax-xogħol.

[13] Eżami jibda *a tergo* ta' fol 16.
[14] Dan jibda a fol 65 tal-proċess.

Illi l-konvenuta xehdet in eżami fis-seduta tat-2 ta' Novembru 2021[15]. Hawn tispjega li hija kienet taħdem mas-soċjetá attriċi bejn is-sena 2015 u Mejju 2019. Telqet hija stess għaliex xtaqet trabbi t-tifel tagħha. Kienet tagħmel xogħol ta' receptionist. Qatt ma ssemmiet responsabbilitajiet oħra. Spjegat li Liana Falzon kienet ħierġa bil-leave ta' maternitá u hija kienet ingħatat xi xogħol ieħor biex tagħmlu hi. Fost dawn kien hemm dawn il-formoli. Qatt ma ingħata handover u kienet hi li għamlet il-verifiki tagħha. Kienet tkellmet ma ċertu Joe Farruiga ġewwa l-MFSA. Tgħid li fil-bidu ma kellimtx lis-Sur Balzan għaliex Liana qaltilha xi trid tagħmel. Tikkoreġi lilha nifisha fuq mistoqsija tat-Tribunal u tgħid li kienet ġiet infurmata liema kienu l-formoli li kellhom jidħlu. L-ewwel formola kienet żbaljta għalkemm is-Sur Balzan kien iffirma. Tgħid li s-Sur Balzan impjegat spjegala kif timla l-formola l-BO3. Ġew eżebiti xi Notamenti. Ġiet eżebita wkoll eżempju tal-formola mertu ta' dan il-każ. Tgħid li kienet tgħid lis-Sur Balzan li hija ma setgħetx tifihom u tagħmilhom. Kellha database bl-informazzjoni, iżda tgħid li qatt ma ngħata lista. Tgħid li meta ġiet lura Falzon hija infurmatha li ma kinitx taf tagħmel dawn l-affarijiet u kienet qaltilha bil-workings tagħha. Tgħid li qatt ma sabet għajnuna mis-Sur Balzan. Fuq mistoqsija tat-Tribunal dwar il-kontenut ta' korrispondenza elettronika tgħid li dan kien jinvolvi kwistjoni ta' handwriting biss.

Illi in kontro-eżami mbgħad, il-konvenuta,[16] tikkonferma li r-raġuni li hija telqet ma kinitx għaliex hija kienet mdejqa u li hija ma tkeċċietx. Tgħid li kien hemm differenza bejn il-formoli BO2 u BO3 għaliex l-ewwel formola saret bi żball. Tispjega f'dettal bażiku x'kienu d-dettalji li kellhom jiġu mdaħħla. Dan kien proċess ġdid. Terġa' tikkonferma li kelmet lil Joe Farrugia u staqsietu liema kienu

[15] Xhieda relattiva tiba a fol 76 tal-proċess.
[16] Magħmula fis-seduta tat-18 ta' Novembru 2021. Xhieda relattiva tibda a fol 88 tal-proċess.

l-formoli li kellhom jiġu ppreżentati. Tgħid li qatt ma kellha lista sħiħa tal-kumpanniji kollha li kellha tieħu ħsieb hi. Hi kellha tidħol fid-database u tfittex l-iskadenzi relattivi. Kienet ingħatat aċċess għaliha mis-Sinjura Falzon. Tgħid li ma kinitx taf li kien hemm skadenzi marbuta ma' dan ix-xogħol. Hija kienet taħdem xahar b'xahar, Kkienet tuża d-database bħala referenza. Ma żammitx rendikont dwar kemm il-formola lestiet. Tikkonferma li kien hemm uħud li għamlet korrettament. Kien hemm oħrajn fejn sabet problemi u kienet tkellem lis-Sur Balzan. Tgħid li mar-ritorn tas-Sinjura Falzon hija infurmathom li kien hemm xi formoli neqsin. Fl-email ma kienx hemm dak kollox li qalet lis-Sinjura Falzon. Hija qatt ma rrifjutat li tagħmel dan ix-xogħol.

Illi magħmul dan ir-riassunt jirriżulta lil dan it-Tribunal li l-bażi tal-azzjoni attriċi tiċċentra ruħha fuq allegat diżimpenn jew aħjar, l-aġir negliġenti magħmul mill-konvenuta fir-rigward tal-impjieg tagħha, kawża ta' liema hija sofriet danni fis-sens ta' ħlas li kellhom isiru lill-Awtoritá konċernata, għan-nom tal-klijenti tagħha. Għalhekk huwa bil-wisq naturali li għal dan il-każ huwa applikabbli u rikjest eżami ta' dak li jrid l-artikolu 1132(1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta[17]. Dan l-artikolu ġie reż diversi drabi applikabbli għar-relazzjoni t'impjegat ma' sid ix-xogħol[18]. B'hekk huwa dover t'impjegat li f'dik il-mansjoni

---

[17] Dan jgħid hekk: " *Bla ħsara ta' kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-Kodiċi dwar id-depożiti, id-diliġenza li wieħed għandu juża fl-eżekuzzjoni ta' kull obbligazzjoni, sew jekk din ikollha bi ħsieb il-ġid biss ta'waħda mill-partijiet sew jekk tal-parti l-waħda u l-oħra, hija, f'kull każ, dik ta' missier tajjeb tal-familja, kif hemm provdut fl-artikolu 1032."*

[18] Hekk per eżempju issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Kenneth Vella vs Seabank Catering Co. Limited et,** (App Ċiv Nru: 38/2007) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-23 ta' Mejju 2008 (għalkemm din kienet kwistjoni marbuta mal-Kapitolu 452 tal-Liġijiet ta' Malta) intqal hekk: "*Kif kellha okkazjoni din il-Qorti tosserva u tikkummenta f'decizjonijiet anterjuri taghha f'materja ta' rapporti taxxoghol, id-diligenza ta' l-impjegat tikkostitwixxi f'dan irrapport dik il-kondotta integrativa primarja, kollegat ma' ladempiment ta' l-obbligazzjoni. Tali dover tad-diligenza mqieghed a karigu ta' l-impjegat fl-ezekuzzjoni ta' hidmietu, hi specifikazzjoni tal-principju generali stabbilit fl-Artikolu 1132 (1) tal-Kodici Civili dwar l-effetti ta' lobbligazzjonijiet. S' intendi, bl-opportun adattament dettat*

offruta lilu, jaqdi l-istess skond l-abilta' professjonali u teknika rikjesta[19] u li dejjem jaġixxi fl-interess ta' sid ix-xogħol. Similment ukoll jidher li hija l-pożizzjoni Anglo-Sassona[20] fejn huwa mifmhum u aċċettatat li jekk impjegat jikser il-kuntratt tiegħu, sid ix-xogħol jista' jdur fuq l-istess għall-indennizz[21].

---

*minn natura tal-mansjoni affidata lill-impjegat; Imqeghda f'dan il-kwadru, id-diligenza skond il-mudell talbonus paterfamilias tirrapprezenta kriterju oggettiv talvalutazzjoni ta' l-adempiment mill-haddiem, u din iddiligenza titkejjel skond dawn iz-zewg indikaturi:-*
*(1) L-ewwelnett, f'rapport mal-prestazzjoni dovuta. Dan fis-sens illi hu mistenni li l-impjegat jassikura illi l-mansjoni jew mansjonijiet jigu ezegwiti skond ilkwalita partikulari ta' l-attivita tieghu. Hekk, allura, in bazi ghall-abilita teknika jew professjonali rikjesta flespletament tal-mansjoni u l-osservanza ta' kull imġieba accessorja (ubbidjenza, fedelta) u dik tal-kawteli necessarji ghal fini tal-korrettezza professjonali; (2) Fit-tieni lok, u akkoppjat ma' ta' l-ewwel, il-kriterju ta' l-interessi tal-kumpanija li thaddmu. Jigifieri, li jkun assikurat illi x-xoghol ezegwit ikun sew korrelat ma' lezigenzi partikulari tal-principal;* Dan reġa ġie riaffermat riċentement fis-sentenza fl-ismijiet **Dr. Matthew Brincat *noe* vs Euoropean Medical College Ltd et,** (Rik Maħluf Nru: 108/2019 CFS) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-4 ta' April 2022. Ukoll, dwar responsabbiltà t'impjegat fejn dan ġie mixli b'negliġenza minn sid ix-xogħol tiegħu, issir referenza ampja għas-sentenza fl-ismijiet **RAB Limited vs Christopher Spiteri,** (App Ċiv Nru: 1154/2003/1) mogħtija nhar is-27 ta' Frar 2008.

[19] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Vascas Enterprises Limited vs Adrian Ellul,** (Ċit Nru: 111/2011) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-13 ta' Novembru 2014.

[20] Dwar dan, issir referenza għal dak li jgħid l-awtriċi Astra Emir li kompliet l-edizzjoni ta' **Selwyn's Law of Employemnt** wara l-mewt ta' Norman Selwyn tgħid hekk: *" The employee undertakes to perform his duties carefully and competenetly, with due regard for the interest of the employer".* – OXFORD, 17 il-edizzjoni, 2012, fol 307.

[21] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Anglia Television Ltd vs Reed** [1971] 3 All ER 690, mogħtija mill-Qorti tal-Appell, Civil Division, fejn Lord Denning (addirittura fuq kwistjonijiet pre-kontrattwali) fuq tematika simili (ksur ta' kuntratt minn impjegat) jgħid hekk: *"I cannot accept the proposition as stated. It seems to me that a plaintiff in such a case as this had an election: he can either claim for his loss of profit;* ***or for his wasted expenditure****. But he must elect between them. He cannot claim both. If he has not suffered any loss of profits—or if he cannot prove what his profits would have been—he can claim in the alternative the expenditure which has been thrown away, that is, wasted, by reason of the breach. That is shown by Cullinane v British 'Rema' Manufacturing Co Ltd ([1953] 2 All ER 1257 at 1261, 1264, 1265, [1954] 1 QB 292 at 303, 308).If the plaintiff claims the wasted expenditure, he is not limited to the expenditure incurred after the contract was concluded. He can claim also the expenditure incurred before the contract, provided that it was such as would reasonably be in the contemplation of the parties as likely to be wasted if the contract was broken. Applying that principle here, it is plain that, when Mr Reed entered into this contract, he must have known perfectly well that much expenditure had already been incurred on director's fees and the like. He must have contemplated—or, at any rate, it is reasonably to be imputed to him—that if he broke his contract, all that expenditure would be* ***wasted, whether or not it was incurred before or after the contract. He must pay damages for all the expenditure so wasted and thrown away. (enfasi tat-Tribunal).***

Illi applikati dawn il-prinċipji għall-fatti ta' dan il-każ, jirriżulta ċar lil dan it-Tribunal li s-soċjetá attriċi seħħilha tipporva l-każ tagħha, fl-intier tiegħu. Dan qiegħed jingħad għaliex it-Tribunal huwa moralment konvint li s-soċjetá attriċi soffriet danni sforz l-attiduni u deċiżjonijiet żbaljati li ħadet il-konvenuta. Ma tistwax titwemmen il-konvenuta li ma kinitx kapaċi tagħmel dan ix-xogħol meta rriżulta ċar li kienet diġa' bdiet taħdem fuq dawn l-istes formoli għal diversi kumpanniji mingħajr l-ebda ntoppi. Id-diliġenza kienet tirrikjedi li jekk verament hija kienet qiegħda teħel fuq xi ftit minn dawn il-formoli, mhux ma tagħmilomx u ma tgħid xejn, iżda tara kif tagħmel u tinfurma lis-soċjeta attriċi. Ukoll, il-konvenuta ma titwemminx li hija ma setgħetx tagħmel dan ix-xogħol għaliex għal dan it-Tribunal, il-mod kif hija kitbet il-korrispondenza elettronika ma' Liana Falzon (mar-ritorn tagħha) juri biċ-ċar li hija kienet għamlet u mliet formoli oħrajn sew. Lanqas ma jirriżulta li lil Liana Falzon hija infurmata b'dan in-nuqqas ta' preżentazzjoni tal-formoli l-oħra għaliex ħadd ma jispiċċa korrispondenza bil-mod kif kitbitha hi meta jkun hemm problemi[22]. Diffiċli wkoll titwemmen il-konvenuta meta tgħid li xi rappreżentat tal-MFSA qalilha li ma kienx hemm multi.

Illi t-Tribunal ikollu jistqarr ukoll il-kredibilitá tal-konvenuta ġiet ukoll eżaminata bil-mod kif hija ddeponiet quddiemu[23]. Tassew, hemm wisq inkosistenzi u

---

[22] Fil-korrispondenza il-konvenuta tagħlaq b'dan is-simbolu*:* '☺'

[23] F'dan is-sens issir referenza għal dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Victor Borg Barthet vs Carnik Construction Limited**, (App Ċiv Nru: 1431/2002/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar it-13 ta' Ottubru 2008 fejn intqal hekk: *"Infatti jirrizulta li, apparti mill-affidavits inizjali, il-provi kollha nstemghu mill-gudikant li eventwalment ippronunzja is-sentenza. Konsegwentament dak il-gudikant kien f'posizzjoni ferm aktar vantaggjuza minn din il-Qorti li trid tevalwa l-provi testimonjali sempliciment a bazi tat-traskrizzjoni xotta xotta tax-xiehda. Ghandu jigi rilevat li l-ewwel Qorti li tat is-sentenza setghet tosserva kontinwament matul il-gbir tal-provi l-komportament tax-xhieda waqt li huma kienu qeghdin jiddeponu quddiemha. Huwa maghruf illi l-komportament ta' xhud waqt li huwa jiddeponi jista' jaghti hjiel tajjeb hafna lill-gudikant, attent u ta' l-esperjenza, dwar il-veracita` o meno ta' dak li l-istess xhud ikun qieghed jiddeponi. Dana l-aspett difficilment jista' jigi rifless fit-traskrizzjoni*

evażjoni fix-xhieda tagħha li ħallew dubji serji fuq it-testimonjanza tagħha. Filwaqt li wieħed jifhem li xhud jista' jkun eċitat waqt li jkun fuq il-pedana, minn qari tax-xhieda tagħha għandu jirriżulta li hija kellha tikkoreġi ruħha diversi drabi. Dan jagħti ħafna anqas affidabilitá lit-teżi tagħha.

Illi lanqas it-Tribunal ma jista' jaċċetta li l-irwol tal-konvenuta ma kienx ukoll ikopri dan ix-xogħol Dan kien xogħol amministrattiv u mhux ta' diffikultà teknika enormi. Mil-*iter* proċesswali kollu, jirriżulta li kien hemm drabi fejn ukoll talbet u ngħatat l-għajnuna rikjesta. Hija kellha sempliċement tagħmel l-istess fuq il-kumpanniji rimanenti, iżda ċertament ma setgħet qatt tabbanduna dan ix-xogħol. Ta' dan, il-konvenuta ma tistax ħlief tgħid *imputet sibi.*

Illi finalment dwar id-danni reklamati, għal dan it-Tribunal dawn ukoll ġew suffiċjentement ippruvati[24]. Jinsab ritenut li persuna li tkun sofriet danni għandha titpoġġa sa fejn huwa hekk possibbli, fil-pożizzjoni li kienet qabel ma' seħħ id-dannu[25]. Huwa għalhekk li t-talba tas-soċjetá attriċi hija wkoll meritveoli

---

*tax-xiehda izda gudikant ta' esperjenza li jkun qieghed jisma' xhud generalment ikun ghassa ghall-'body language' tax-xhud, bhal ezitazzjonijiet fil-vuci tieghu, l-espressjoni ta' ghajnejh, u movimenti li jkun qieghed jaghmel waqt li jixhed u cirkostanzi ohra li ma ssibhomx fit-traskrizzjoni tax-xiehda, liema indikazzjonijiet jghinu hafna lill-gudikant biex jasal ghad-decizjoni tieghu dwar il-veracita` o meno ta' dik ix-xiehda".* Dwar dan, wieħed huwa wkoll mistieden jara dak li ntqal fis-sentenza fl-ismijiet **Salv Bezzina & Sons Limited vs Paul Borg,** (App Ċiv Nru: 1284/2007/1) mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-27 ta' Marzu 2015.

[24] Id-dokumenti rigwardanti l-penali imposti u mħallsa huma eżebiti bejn fol 29 u 38 tal-proċess.

[25] L-awturi Baudry-Lacantineri u Barde, fl-opra tagħhom **Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile** jgħidu hekk *"Il risarcimento dei danni, qualunque sia la loro Jonte, deve mettere colui che ha diritto alla riparazione nella situazione in cui si sarebbe trovato se non avesse subito ii pregiudizio. Essa deve dunque, verificandosi ii caso, comprendere i due elementi.' la perdita subita, damnum emergens, e il lucro mancato, lucrum cessans"* – CASA EDITRICE DOTTOR FRANCESCO VALLARDI, Delle Obbligazioni, Vol 1, para 448, a fol 497. F'dan is-sens ukoll issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Elmo Insurance Agency Limited noe et vs. Martin Saliba,** (Ċit Nru: 588/2000) mogħtija mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar il-31 ta' Mejju 2001 u ghall-ġurisprudenza hemmhekk ċitata.

t'akkoljiment fl-ammont indikat minnha. Dawn il-multi ma kienux jitħallsu li kieku ma kienx għall-aġir tal-konvenuta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jaqta' u jiddeċiedi din it-Talba billi jiċħad l-eċċezzjoni tal-konvenuta u jilqá t-talba tas-soċjetá attriċi u b'hekk jikkundanna lill-konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi l-ammont ta' tlett elef, tlett mija u tlieta u sittin Ewro (€3,363), bl-imgħax mis-7 ta' Ottubru 2019[26] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, iżda mhux dawk tal-mandat ta' sekwestru msemmi fl-Avviż tat-talba[27], jitħallsu mill-konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[26] Data tal-preżentata tal-Avviż odjern, ai termini tal-artikolu 1141(2) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.
[27] Dan ma jinsabx eżebit.